# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-9 ta' Gunju, 2025

Avviz tat-Talba numru: 16/2025 CL

**Peter Paul Portelli ( KI nru 0698547M)**

**VERSUS**

**Stephen Mifsud (KI nru 0567676M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-22 ta' Jannar 2025 fejn il-konvenut kien xtara l-vettura bin-numru PKR-888 ghal prezz ta' €800 minghand ir-rikorrenti u l-polza tal-assikurazzjoni kellha tiskadi fl-istess gurnata Dok A. Illi l-konvenut naqas li jaghmel il-pratiki necessarji mat-Transport Malta sabiex il-vettura tigi trasferita fuq ismu mal-bejgh izda ghamlu fit-8 ta' Lulju 2024 kif jirrizulta mill-ittra immarkata Dok B. Fis-16 u 28 ta' Gunju 2024 meta l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut, izda kien ghadu jidher fuq isem ir-rikorrenti, il-konvenut akkumula numru ta' cittazjonijiet li ammontaw ghal €209.63. Illi r-rikorrenti kien hallashom ghax ma kienx induna li kienu f'dati meta kien gja biegh il-vettura (rcevuta Dok C). Il-konovenut gie interprellat sabiex jhallas l-ammont dovut b'ittra legali datat 26 ta' Novembru 2024 Dok D, fejn kien ukoll ghamel rapport tal-pulizija Dok E. Ghaldaqstant kien qieghed jitlob lii l-konvenut jigi ikkundanat sabiex jhallas s-somma ta' €309.63 oltre l-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2025, it-Tribunal kien iddikjara li ma gietx ipprezentata risposta u lanqas ma deher hadd biex isseh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2025, giet ipprezentata affidavit ta' Peter Paul Portelli li spjega li kien biegh il-vettura bin-numru PKR-888 lil Stephen Mifsud fit-30 ta' April 2024 fejun kien ukoll waqqaf l-insurance. Wara li bieghi il-karozza kien mar il-Kanada u kellu jiehu hsieb it-transfer il-konvenut. It-transfer sar fit-8 ta' Lulju 2024 wara xahrejn li kien biegh il-karozza izda kien ircieva citazzjonijiet fl-ammont ta' €209.63 li kienu datati 16 ta' Gunju 2024 u 28 ta' Gunju 2024 u ghalhekk kienu dovuti minn Stephen Mifsud u t-trasferiment tal-licenzja kien jammonta ghal €100 li kien hallas hu. Kif

induna li d-dati tac-citazzjonijiet kienu fil-perjodu wara li biegh il-vettura kien mar ghand l-avukat u kiteb ittra lil-konvenut u sar rapport lil pulizija.

Fil-5 ta’ Mejju 2025 xehed Christopher Spiteri ghal Transport Malta li ikkonferma li l-karozza bin-numru PKR-888 kienet registrata fuq Peter Paul Portelli mit-13/07/2022 sa 8/07/2024 fejn giet trasferita fuq Stephen Mifsud. Martin Caruana minn Atlas Insurance ikkonferma li kien hemm polza ta’ assikurazzjoni f’isem Peter Paul Portelli fuq il-vettura PKR-888 mit-13 ta’ Lulju 2022 sat-30 ta’ April 2024 u fil-11 ta’ Marzu 2024 bdiet polza ohra fuq il-vettura f’isem Stephen Mifsud. Kayleen Sammut in rapprezentanza tal-LESA ikkonfermat ic-citazzjonijiet li gew ipprezentati u li inhargu f’Gunju 2024 u li thalsu f’Novembru 2024.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi, “*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.”*

Il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, “*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista’ jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,”

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra l-affidavit tal-attur u xhieda li gew imharka. M’hemmx dubju li c-citazzjonijiet fl-ammont ta’ €209.63 kienu fiz-zmien wara li l-attur kien biegh il-vettura lil-konvenut u dan jirrizulta mill-affidavit kif ukoll mill-fatt li l-konvenut kien ghamel assikurazzjoni fuq l-istess vettura f’Marzu 2024. Ghalkemm ma jirrizulta ebda rcevuta jew prova dwar il-hlas ta’ €100 ghat-trasferiment tal-licenzja li l-attur jghid li kien hallas hu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta’ u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa’ t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lil-attur is-somma ta’ mitejn u disa’ euro u tlieta u sittin centezmu (€209.63), bl-imgħax legali mit-22 ta’ Jannar 2025[1], sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri huma a kariku tal-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[1] Data ta’ meta giet ipprezentata l-kawza.